MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 939/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**VS**

**GILMOR PACE**
**MARIO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gilmor Pace, bin il-mejjet Sebastian u Grace nee' Said, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29 ta' Jannar, 1987, residenti fil-fond imsejjah Bettania, Plot 22, Triq G Vella, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 75087(M);
U Mario Farrugia, ta' 45 sena, bin Alfred u Josephine nee' Cassar, imwieled Paola, nhar is-27 ta' Novembru, 1960 residenti fil-fond numru 42/4, Spingfield Courts, Triq il-Buttar, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 779660(M);

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Awwissu, 2006 waqt li kienu Marsascala:

1. Ikkommettew serq ta' wallet li fost affarijiet ohra kien fih cash link cards mahruga mill-BOV, f'isem Leon Xuereb, u li fil-jum li kkommettew serq bl-istess cash link card li jammonta ghal madwar Lm200.00 (mitejn lira maltin), u dan billi ghamlu uzu mill-istess cash link card ghad-dannu tal-istess Leon Xuereb, bi ksur tal-Artikoli 261(c)(d), 267, 2268(a), 340(c) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U fl-ahharnett **lil Gilmor Pace wahdu** talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 340(c)(d), 344, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija Gilmor Pace u Mario Farrugia hatja tal-ewwel (1) akkuza hekk kif dedotta kontriehom, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 taal-Kapitolu 44 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tasjeni mit-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tal-istess Gilmor Pace u Mario Farrugia;

Fil-waqt li ma ssibx lil Gilmor Pace hati tat-tielet (3) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------